MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Numru 1167/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

**vs**

Anthony D’Amato

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 79463M akkuzat talli:

1. fid-19 ta’ Novembru 2007 ghal habta tas-6.00p.m. fil-fond ‘Romance’ Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew il-professjoni tieghu, u/jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta’ Ammar Alnakib u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli ihares is-sahha u s-sigurta' ta' kull persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fisiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-Artikolu 6(1)(2) tal-Att 27/2000 Kap 424;
3. bhala l-proprjetarju u/jew il-persuna li tokkupa l-fond hawn fuq imsemmi li jinsab fi Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, fl-istess data, hin u cirkostanzi u fil-granet ta' qabel naqas milli jahtar supervisor ghall-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-A.L 281/2004;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fil-granet ta' qabel naqas milli jizgura u li jiehu l-mizuri kollha mehtiega biex jizgura li l-apparat tax-xoghol ghad-disposizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza u/jew fil-fond hawn fuq imsemmi, jew fl-istabiliment innifsu jkun adatt ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew adatt kif imiss ghall-iskop li jkun ser jintuza mill-haddiema minghajr perikolu ghas-sigurta' u s-sahha taghhom. Naqas ukoll li jara li fl-ghazla ta' apparat li jintuza jaghti kaz tal-kundizzjonijiet u l-karatteristici specifiki tax-xoghol kif ukoll tal-perikolu li jezisti fl-intrapriza jew stabbiliment, b'mod specjali fil-post tax-xoghol, ghas-sigurta' u s-sahha tal-haddiema, u, jew kull perikolu addizjonali li jirrizulta mill-uzu ta' l-apparat in kwistjoni u dan ai termini ta' l-Artikolu 3(1)(a) tal-Avviz Legali 282/04.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat biex jigi gudikat quddiem din il-Qorti fin-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tieghu;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta accident fatali li sehh fid-19 ta’ Novembru 2007 gewwa l-fond bl-isem ‘Romance’ fi Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, li involva lil certu Ammar Alnakib. Jirrizulta bhala fatt mhux kontestat li din il-persuna kienet giet ingaggjata biex tesegwixxi xi xoghol f’fond adjacent dak tal-imputat minn sid dak il-fond u waqt l-esekuzzjoni ta’ dan ix-xoghol huwa kien gie avvicinat mill-imputat u mistoqsi jekk kienx dispost jaghmillu xi xoghol fuq l-opra morta tal-fond tieghu konsistenti f’tibjid u tkahhil ta’ erba filati ta’ din l-opra morta. Din l-opra morta taghti ghal fuq bitha parti mill-proprjeta’ tal-imputat. Fi kliem il-Perit Arkitett Richard Aquilina, nominat fl-inkjesta magisterjali u debitament ikkonfermat mill-Qorti, l-ambjent in kwistjoni, ossija l-bitha fejn spiccat l-vittma, huwa deskritt hekk: “fuq il-bejt hemm bicca spazju imsaqqaf b’gemb imiss mal-hajt tal-appogg tax-xellug, gemb iehor mal-kamra tal-hasil u l-iehor mal-bitha interna” li fuq in-naha taghha hemm l-opra morta u aktar il-fuq kanna orizzontali b’wire tal-inxir marbut maghha”. Wara li l-perit arkitett ikkonstata li mal-hajt tal-appogg kien hemm briex u tahkika fil-lemin tieghu u li l-hajt tal-appogg, allura tal-lemin, li jhares ghall-bitha, kellu l-ahhar erba filati mhakka fl-gholi ta’ l-opra morta, moghttija b’xibka u polytene, ikkonstata li l-kadavru kien fil-bitha b’roqgha demm kbira tahtu bla hajja kif iccertifika it-tabib li ssejah fuq il-post. Fuq l-iskorta ta’ dan il-perit arkitett ikkonkluda li l-vittma kien pogga sellun li serhu fuq il-kanna, ras minnhom mal-hajt tal-appogg u r-ras l-ohra ma’ l-art b’daqstant li s-sellun kellu l-parti ta’ gewwa minduda hafna u l-parti ta’ barra kwazi orizzontali. Attribwixxa dan il-fatt bhala l-kawza tal-accident fatali u difatti jghid li l-vittma “tela’ fuq dan is-sellun qisu qed jitla’ fuq tavla nklinata u kif is-sellun imxietlu r-rigel ta’ fuq il-bejt, dak izzerzaq ftit fuq il-kanna fejn gie osservat ftit tahkik ahmar lewn is-sellun u b’hekk ir-ras l-ohra tkaxkret mal-hajt fejn instab il-briex [b’konsegwenza] li r-ras nizlet l-isfel u Ammar waqa’ gholi ta’ 9.98 metri jew 32”9”.

Illi l-Qorti tikkondividi u taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit arkitett, aktar billi supportata bir-ritratti li ttiehdu fl-inkjesta mill-espert tas-SOCO, wkoll debitament nominat.

Stabbilita ghalhekk d-dinamika tal-accident fatali jispetta issa li tigi ricerkata r-responsabilita' tal-imputat jekk din tissusisti u jekk fl-affermattiv fl-liema grad tista' din tirrizulta fil-kaz tieghu.
Intant, ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat: b'omicidju involontarju; li naqas mill-obbligu qua 'employer' li jhares is-sahha u s-sigurta' ta' kull persuna li tista' tigi milquta minhabba f'dan ix-xoghol u li jiehu dawk il-mizuri necessarji biex jissalvagwardja l-inkolumita' ta' min ikun; talli naqas li jahtar 'supervisor' u wkoll talli naqas li jassikura li l-apparat tax-xoghol ikun adegwat u adatt.

Ikkonsidrat:

Illi fil-kaz in disamina l-imputat kien ftehem mal-vittma biex jaghmillu xoghol ta' tibjid u tkahhil f'erba filati tal-opra morta. L-imputat ma kellu jaghmel xejn u x-xoghol u l-materjal kienu ghak-karigu tal-vittma, dan kif qallu huwa stess. Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz de quo ma kienx hemm relazzjoni ta' 'employer' u 'employee'. Lanqas mhu il-kaz ta' stabbiliment jew siti ta' kostruzzjoni. Kif avveraw ruhhom l-affarijiet dak li ta lok ghall-accident fatali kien fattur imprevedibbli minn naha tal-imputat imputabbli esklusivament lill-vittma.

Ghaldaqstant, tiddecidi li ma sibx l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------